# IL-PAĊI, IL-ĠUSTIZZJA U L-PROGRESS EKONOMIKU



# Il-Paċi, il-Ġustizzja u l-Progress Ekonomiku

## Diskorsi minn Ħażrat Mirża Masroor Aħmad, Mexxej tal-Komunita' Aħmadija Musulmana

Komunita' Aħmadija Musulmana Malta

# Peace, Justice and Economic Progress

Collection of two keynote addresses by Hadhrat Mirza Masroor Ahmad, Khalifatul Masih V, Head of the Worldwide Ahmadiyya Muslim Jamaat.
1. “A Message for Peaceful Atmosphere” address delivered on October 11, 2003, at the Reception held on the opening of Baitul Futuh Mosque in Morden, London, UK
2. “Peace Depends on Justice and Economic Progress Depends on Peace” address delivered to the City of Glasgow Reception on 7 March 2009

Translated into Maltese from English By:

Ahmadiyyav Muslim Jamaat, Malta

(Maltese Translation)

First published in Malta in 2011

© Islam International Publications Limited

Published by:
Islam International Publications Limited
“Islamabad”
Sheephatch Lane, Tilford, Surrey GU10 2AQ
United Kingdom

Printed in Malta

For further information please contact:

Ahmadiyya Muslim Jamaat Malta
Tel: (+356) 21322105
Fax: (+356) 27322105
Mob: (+356) 79320139
E: amjmalta@gmail.com
www.ahmadija.org.mt
www.ahmadiyyamalta.org

ISBN: 978-1-84880-668-9

# BNIEDEM TA' PAĊI



Ħażrat Mirża Masroor Aħmad,
il-Ħames Kalif tal-Komunità
Aħmadija Musulmana

Fit-22 t'April 2003, fil-Moskea ta' Fażal f'Londra, Mirża Masroor Aħmad (Hadhrat Mirza Masroor Ahmad) inħatar bħala l-Ħames Kalif tal-Komunità Aħmadija Musulmana li hi mxerrda mad-dinja kollha. Ħajtu hija riflessjoni ta' dedikazzjoni, sodizza, talb u suċċess. Ir-rabta tiegħu m'Alla twasslu biex iħeġġeġ lill-komunità tiegħu biex qatt ma tinsa lil Dak li Jista' Kollox u biex ma taqta' qalbha qatt. Il-konċentrazzjoni tiegħu fuq it-talb hija evidenti għal kulħadd u l-frott tas-suċċess ta' dan it-talb huwa xhieda tat-twemmin tiegħu. L-imħabba tiegħu lejn il-bniedem tħeġġeġ lilu u lill-komunità tiegħu biex iservu 'l-umanità.

Mindu laħaq Kalif, Ħażrat Mirża Masroor Aħmad żar ħafna pajjiżi u għamel għadd ta' diskorsi mħeġġin lil udjenzi minn kulturi u ambjenti differenti.

> **"F'dan iż-żmien aħna nemmnu fl-Imam (il-Mexxej) ta' dan iż-żmien, il-Messija u l-Maħdi, li għallimna li f'dawn iċ-ċirkustanzi li qegħdin fihom il-Ġiħad għandu jkun bil-pinna, billi tirriformaw lilkom infuskom u xxerrdu l-messaġġ tal-paċi, mhux tax-xabla. Il-Ġiħad tax-xabla issa mhuwiex permess. Issa għandna biss nikkonċentraw billi nressqu n-nies lejn it-tagħlim sabiħ tal-Iżlam"**

*(Indirizz mogħti fit-Taj Residency Hotel, Ernakulam, Kerala, fit-30 ta' Novembru 2008.)*

# MESSAĠĠ GĦALL-ĦOLQIEN TAL- PAĊI

***“Jiena nħeġġiġkom ukoll, li minkejja l-fidi, it-twemmin, ir-razza u n-nazzjonalità tagħkom, għandkom toħolqu fil-lokalitajiet tagħkom, atmosfera ta’ paċi u tgħinu lill-umanità sofferenti.”***

***“Jekk ma naġixxux malajr, mhu se jkun hemm xejn li jwaqqaf il-qerda li l-bniedem riesaq lejha b’pass mgħaġġel. Din il-qerda se tkun ħafna agħar minn dik li kkawżat it-Tieni Gwerra Dinjija.”***

***“B’rabta ma’ dan l-objettiv, il-Komunità Musulmana Aħmadija għandha l-obbligu li tibni l-moskej fl-irkejjen kollha tad-dinja, u bħal dawk il-moskej kollha, din il-moskea tal-Komunità Aħmadija, hija simbolu tal-paċi.”***

**Ħażrat Mirża Masroor Aħmad, mexxej tal-Komunità Aħmadija Musulmana li hi mxerrda mad-dinja kollha, ħeġġeġ lill-Musulmani u lil dawk li mhumiex biex juru rispett u tolleranza lejn xulxin. F'diskors mogħti waqt ikla mtellgħa biex tiċċelebra l-inawgurazzjoni tal-akbar moskea fl-Ewropa tal-Punent, Baitul Futuħ, f'Londra, nhar is-Sibt 11 t'Ottubru 2003, preżenti għaliha Membri tal-*House of Commons and Lords*, Sindki, Ambaxxaturi, Kummissjonarji Għolja, Kunsilliera u rappreżentanti ta' knejjes u reliġjonijiet differenti, huwa qal:**

"Kulma nixtieq ngħid huma żewġ kelmiet. L-ewwel nett, grazzi lill-mistednin distinti kollha talli lqajtu l-istedina tagħna u ġejtu hawnhekk illejla biex tkunu preżenti għall-ftuħ tal-Moskea Baitul Futuħ. Grazzi wkoll għax-xewqat sbieħ tagħkom.

L-Iżlam jgħallimna biex inkunu dejjem konxji ta' Alla li huwa l-Ħallieq tagħna u biex inżommu l-memorja Tiegħu friska fi qlubna u biex nintegraw mal-Ħolqien Tiegħu bi mħabba, b'għożża, b'armonija u b'tolleranza.

Din hija s-somma totali tat-tagħlim mgħoddi lilna minn Muħammed, il-Profeta Qaddis tal-Iżlam (il-paċi ta' Alla tkun miegħu). Għaldaqstant, jekk dan huwa t-tagħlim ta' din ir-reliġjon, kif jista' jkun hemm diskorsi ta' mibegħda mgħajta minn fuq il-bjut tal-moskej tagħha li suppost huma postijiet ta' qima għas-segwaċi tagħha (tal-Iżlam)? Musulman ġenwin qatt mhu se jgħolli leħnu b'mibegħda kontra ċ-ċittadini ħbieb tiegħu, jew aktar u aktar kontra l-awtorità jew il-gvern li jkunu qed imexxu f'dak il-perjodu.

Hija r-responsabbilità ta' kull Musulman ġenwin li jibqa' leali u jirrispetta b'qalbu kollha l-liġijiet ta' dak il-pajjiż li jkun qed jgħix fih.

Il-Fundatur tal-Komunità Aħmadija Musulmana, Ħażrat Mirża Ghulam Aħmad, il-Messija Mwiegħed (il-paċi ta' Alla tkun miegħu), jistqarr:

'Musulman ta' veru, li huwa konxju tat-tagħlim tat-twemmin tiegħu, jibqa' dejjem sinċier u obbidjenti lejn dak il-gvern li taħt id-dell ħanin

tiegħu huwa jgħix ħajtu fis-sliem. Id-differenzi reliġjużi m'għandhomx jostakolaw l-ubbidjenza u l-konformità ġenwini tiegħu.' (Toħfa Qajsarija, pġ. 29)

Dan hu t-tagħlim sabiħ tal-Iżlam li tipprattika l-Komunità Aħmadija. Dawk li jafuna jew li ġew f'kuntatt magħna jafu biċ-ċert li din hija l-verità. Jistgħu jikkonfermaw li, bħala komunità, il-Musulmani Aħmadi dejjem qagħdu 'l bogħod minn kull att vili jew ta' delinkwenza, jew minn dak kollu meqjus bħala ksur ta' liġi, jew li tagħmel il-ħsara jew dannu lill-ħolqien t'Alla. Il-Komunità Musulmana Aħmadija hija dejjem lesta biex isservi lill-umanità. B'rabta ma' dan l-objettiv, aħna ilna nservu lill-umanità, mingħajr ma nagħtu kas tad-differenzi reliġjużi, fl-isptarijiet u fl-iskejjel fil-pajjiżi foqra tal-Afrika.

Il-Fundatur tal-Komunità Aħmadija aċċetta wegħda minn dawk li jingħaqdu mal-komunità tiegħu li jekk huma jemmnu li Alla li Jista' Kollox bagħat lilu biex jerġa' jurihom mill-ġdid ix-xbieha vera tal-Iżlam, u jintroduċihom mill-ġdid għat-tagħlim sabiħ tiegħu, mela mbagħad huma għandhom jaċċettaw ukoll, għall-ġieħ t'Alla li Jista' Kollox, li huma, bl-isforzi kollha tal-abbiltajiet u r-riżorsi tagħhom, jaġixxu sewwa u b'ġenerożità lejn il-ħolqien t'Alla. Huma jkollhom iservu l-ħolqien t'Alla. Meta persuna tiltaqa' ma' persuna oħra b'dan l-ispirtu, mela hemmhekk se jkun hemm l-imħabba, l-affezzjoni, u l-paċi. Ma jkun hemm l-ebda ħjiel ta' mibegħda.

Bħalma għedt diġà, il-bniedem inħoloq għal żewġ raġunijiet u dawn huma li jqim lil Alla Wieħed u Uniku u li jġib ruħu sewwa mal-ħolqien Tiegħu. Biex jintlaħqu dawn l-għanijiet, jinbnew il-moskej. B'rabta ma' dan l-objettiv, il-Komunità Musulmana Aħmadija għandha l-obbligu li tibni l-moskej fl-irkejjen kollha tad-dinja, u bħal dawk il-moskej kollha, din il-moskea tal-Komunità Aħmadija, hija simbolu tal-paċi.

Jiena nħeġġiġkom ukoll, li minkejja l-fidi, it-twemmin, ir-razza u n-nazzjonalità tagħkom, għandkom toħolqu fil-lokalitajiet tagħkom, atmosfera ta' paċi u tgħinu lill-umanità sofferenti. Jekk ma naġixxux malajr, mhu se jkun hemm xejn li jwaqqaf il-qerda li l-bniedem riesaq lejha b'pass mgħaġġel. Din il-qerda se tkun ħafna agħar minn dik li nħolqot mit-Tieni Gwerra Dinjija.

**Ftakru, li bniedem ma jagħrafx bniedem ieħor ħlief meta jagħraf lil Alla Tiegħu, u biex nagħrfu lil Alla, jeħtieġ li nagħtu aktar kas tad-devozzjoni LejH. Illum il-ġurnata dan jidher li huwa impenn diffiċli, iżda rridu nduru kollha LejH għas-salvazzjoni tagħna.**

Nagħlaq billi nikkwota silta mill-kitbiet tal-Fundatur tal-Komunità tagħna. Huwa jgħid:

'Il-missjoni, li għaliha nħtart, tobbligani biex nelimina dik id-distanza dejjem tikber fir-relazzjoni ta' bejn Alla u l-ħolqien Tiegħu u nibdilha għal darba oħra f'relazzjoni ta' mħabba u sinċerità; u billi nħalli l-verità toħroġ fid-dieher, inġiegħel lill-gwerer reliġjużi u n-nuqqas ta' qbil biex jintemmu u b'hekk inkun qed nibni s-sisien tal-paċi; u nikxef veritajiet reliġjużi li nħbew minn għajnejn id-dinja; u nkun xempju ta' dik l-ispiritwalità li ndifnet taħt id-dlamijiet tal-pjaċiri tal-bniedem; u bil-kundizzjoni tiegħi aktar milli bil-kelma ħierġa mill-fomm, se ngħid u se nfisser is-setgħat t'Alla li jidħlu fil-bniedem u jerġgħu joħorġu bis-saħħa tal-meditazzjoni u t-talb.' (Lecture Lahore, pġ. 47)

**Alla jgħinna biex nifhmu r-responsabbiltajiet tagħna, Ammen."**

# IL-PAĊI TIDDEPENDI FUQ IL-ĠUSTIZZJA, U L-PROGRESS EKONOMIKU JIDDEPENDI FUQ IL-PAĊI

***"Kulma nixtieq ngħid huwa li l-paċi tiddependi fuq il-ġustizzja, u l-progress ekonomiku jiddependi fuq il-paċi.***

***Dan jiġri biss meta l-bniedem jagħraf lill-Ħallieq Tiegħu u b'riżultat ta' dan id-drittijiet tal-ħolqien t'Alla jkunu mħarsa.***

***Jekk is-sitwazzjoni preżenti ma tinbidilx, mela l-inkwiet se jiżdied qatigħ. L-egoiżmu jikber u minħabba f'hekk id-dinja kollha se tinħakem minn diżastru kbir, u l-ġenerazzjoni futura se tikkundannana għal din il-moħqrija. Għalhekk f'dan iż-żmien diffiċli għandna lkoll kemm aħna nżommu idejn xulxin ħalli nwasslu l-paċi vera fid-dinja."***

# Indirizz minn Ħażrat Mirża Masroor Aħmad, Mexxej tal-Komunità Aħmadija Musulmana, imferrxa madwar id-dinja kollha, f'riċeviment mill-Belt ta' Glasgow, fis-7 ta' Marzu 2009.

F'Isem Alla, dejjem Tajjeb, dejjem Ħanin

Qabelxejn, nixtieq nirringrazzja lill-Prepostu tal-Belt ta' Glasgow u miegħu r-residenti ta' din il-belt talli organizzaw din il-funzjoni bħala kommemorazzjoni taċ-Ċentinarju mit-twaqqif tal-Aħmadija Kalifat biex juru l-affezzjoni u s-sens ta' fraternità lejn il-Komunità Aħmadija Musulmana f'dan il-lokal.

Bħalma smajna, fi ftit kliem, u bil-ġest ġentili min-naħa tal-Prepostu, jiena nħossni tassew grat lejh, u mill-ftit ħin li qattajna flimkien fl-uffiċċju, kont ferħan wisq li llum għad għandna fid-dinja nies bħalu li jistgħu jifhmu l-affezzjoni murija lejhom, mingħajr ma jqisu min hi dik il-persuna li qed turi din l-affezzjoni, b'hekk jagħrfu l-vera valur tal-umanità, u dan hu wkoll il-ġest muri mill-poplu Skoċċiż. Ta' dan nerġa' nirringrazzjah...

Bħalma tafu din il-funzjoni qiegħda tittella' bħala ġest nobbli minħabba l-kommemorazzjoni taċ-ċelebrazzjonijiet ċentinarji tal-Komunità Aħmadija.

F'dan il-kuntest, nixtieq infisser fil-qosor l-għan tal-Kalifat Aħmadija minħabba li xi azzjonijiet ta' ċerti gruppi Musulmani wasslu biex in-nies jitwerwru meta jisimgħu l-kelma 'Kalifat'.

**L-istituzzjoni tal-Kalifat twaqqfet bil-għajnuna t'Alla li Jista' Kollox sabiex tkompli taħdem ħalli tipprova tilħaq l-objettiv għala l-Fundatur tal-Jama'at (jew Komunità) Aħmadija Musulmana ntbagħat fid-dinja. Aħna nemmnu li l-Fundatur tagħna huwa l-Messija Mwiegħed u r-Riformatur Mwiegħed mistenni mid-dinja kollha.**

**X'kien l-għan tal-miġja tiegħu? It-tweġiba għal din il-mistoqsija tinsab f'ħafna mid-diskorsi u l-kitbiet tiegħu.**

**L-ewwel għan kien biex jgħin lill-bniedem jagħraf il-Ħallieq tiegħu; biex jistiednu jbaxxi rasu quddiem Alla li Jista' Kollox; biex isaffi 'l-umanità mill-qrubija tal-imsieħba m'Alla; u, fl-aħħar nett, biex jgħallem lill-umanità temmen li Alla huwa Setgħani u Omnipotenti.**

**It-tieni għan tal-miġja tiegħu hija biex ifakkar lill-bniedem biex jirrispetta d-drittijiet ta' bnedmin oħra, li huma l-aqwa ħolqien t'Alla. Il-bnedmin huma l-aktar ħolqien avvanzat fost il-ħlejjaq l-oħra, u minħabba li ngħataw l-intelliġenza, b'riżultat ta' dan huma superjuri għall-forom l-oħra kollha tal-ħajja.**

Jekk nanalizzaw is-sitwazzjoni fid-dinja tal-lum, joħroġ biċ-ċar li l-umanità għadha ferm 'il bogħod milli tilħaq dawn iż-żewġ għanijiet. Tant kien mgħaġġel il-pass tal-progress li ftit sekli ilu, jew saħansitra ftit deċennji ilu, il-bniedem ma kienx joħlom bl-invenzjonijiet li għandna llum, iżda dawn saru parti integrali mill-ħajja ta' kuljum fid-dinja żviluppata. Modi dejjem ġodda ta' trasportazzjoni u mezzi ta' komunikazzjoni ressqu lin-nies eqreb lejn xulxin biex id-dinja saret 'villaġġ globali'. Il-midja wkoll irnexxielha tqarreb il-pajjiżi għonja u fqar aktar lejn xulxin.

Madanakollu, minkejja li jidher li dawn l-affarijiet kienu ta' vantaġġ kbir għall-bniedem, dawn fil-fatt begħduh mill-Ħallieq tiegħu. Jekk inħallu fil-ġenb lil dawk li ma jħaddnu l-ebda fidi u lil dawk li ma jemmnux f'Alla,

illum anki dawk li jistqarru l-fidi tagħhom insew ukoll it-tagħlim bażiku tar-reliġjon tagħhom l-aktar fejn jidħlu l-għarfien tal-Alla tagħhom u d-drittijiet li ħaqqu jkollu l-bniedem.

Il-moħħ immaġinattiv li Alla rregala 'l-bniedem u li dan uża biex jiżviluppa l-aktar invenzjonijiet moderni, kellu jwassal lill-bniedem biex ikun grat lejn Alla li Jista' Kollox u jġiegħlu jbaxxi rasu Quddiemu b'entużjażmu partikolari. Għall-kuntrarju, dawk in-nies li mhumiex grati qegħdin dejjem jiżdiedu. Kemm fil-Lvant kif ukoll fil-Punent, anki dawk li jitolbu skont it-twemmin tagħhom, u li jattendu l-postijiet ta' qima u jemmnu f'Alla, uliedhom u l-ġenerazzjonijiet futuri qed iqisu 'l Alla bħala finzjoni tal-immaġinazzjoni tagħhom u r-reliġjon saret suġġett ta' redikolaġni.

Dawk li ma jemmnux f'Alla jidhrilhom li l-invenzjonijiet u l-iżvilupp tal-lum huwa dovut għall-progress u l-isforz evoluzzjonarju tal-bniedem. B'riżultat ta' dan, huwa maħsub li l-bniedem innifsu huwa arkitett it-toroq ġodda ta' progress.

Iżda bħala Musulman Aħmadi u bħala persuna li nemmen f'Alla li Jaf Dak Kollu li ma Jidhirx, jiena ngħid li dan l-iżvilupp kien fil-fatt destinat għal dan iż-żmien.

Alla li Jista' Kollox ħabbrilna minn qabel fil-Koran Imqaddes, li huwa l-ktieb tal-liġi rivelat lill-Profeta Qaddis Muħammed (il-paċi u l-barka ta' Alla jkunu miegħu), li dan il-progress kien predestinat għall-bniedem. Biex nuri dan, se nikkwota issa xi eżempji minn dan il-Ktieb.

Il-Koran Imqaddes jgħid f'Kapitlu 81, Vers 4:

***U meta l-muntanji jiġu mġiegħla jiċċaqalqu ...***

Dan il-vers għandu diversi tifsiriet. Pereżempju, tifsira waħda tista' tkun it-tqattigħ tal-mogħdijiet fil-muntanji, kif jista' wkoll jidher f'dawn in-naħat tad-dinja. Il-faċilità ta' kif jitfarrku l-muntanji llum ma kinitx magħrufa 1400 sena ilu.

Tifsira oħra ta' dan il-vers tista' tkun li vapuri kbar, li jistgħu jitqabblu

mal-muntanji, jivvjaġġaw minn post għal ieħor iġorru t-tagħbija u l-passiġġieri. Xi ftit sekli ilu l-industrija tal-ġarr bil-bastimenti kienet ħafna inqas żviluppata.

Eżempju ieħor jista' jkun li dan kollu ntqal fi żmien meta l-iġmla nisa kienu jitqiesu bħala sinjal ta' għana u l-aqwa mezz ta' trasportazzjoni, u li dan il-mezz ta' trasport kien se jiġi abbandunat. Huwa miktub fil-Koran:

**U meta l-iġmla ... ikunu abbandunati...**
(Kap.81: Vers 5)

Fi kliem ieħor, dan il-vers ibassar li l-iġmla se jkunu mibdula ma' mezzi oħra ta' trasport li huma aħjar u aktar veloċi, biex hekk ma jkunx hemm bżonnhom aktar. Fil-fatt illum il-ferroviji, il-karozzi u l-ajruplani li nużaw jixhdu dan kollu.

Imbagħad hemm profezija oħra:

**U meta n-nies jinġabru flimkien...**
(Kap. 81: Vers 8)

Din hi profezija li tgħidilna li l-mezzi ta' kuntatt u ta' komunikazzjoni se jsiru tant effettivi li d-dinja se ssir villaġġ globali. Huwa ovvju li dan seħħ ukoll fil-verità.

Tajt ftit eżempji li juru li hemm Alla u li dan Alla jagħti d-dehen lill-poplu magħżul Tiegħu, eżempji li wara mijiet ta' snin jiġu vverifikati u għalhekk jixhdu li hemm Alla li huwa s-Sid tal-Qawwiet kollha.

Mela, dan huwa punt ta' riflessjoni għal dawk li jiċħdu l-eżistenza t'Alla, u jiktbu kotba voluminużi biex jippruvaw ibiegħdu lid-dinja minn Alla u r-reliġjon. U huwa punt ta' tħassib partikolarment għal dawk kollha li jsegwuhom. Bla dubju ta' xejn, l-aktar dmir importanti tal-bniedem huwa li jagħraf lill-Ħallieq Tiegħu.

It-tieni għan li ġibdilna l-attenzjoni għalih il-Fundatur tal-Komunità Aħmadija Musulmana huwa dak li għandna nirrispettaw id-drittijiet

tal-oħrajn.

Superfiċjalment ngħidu li d-drittijiet ta' xulxin għandhom jiġu rrispettati – u fil-verità daż-żmien hawn ħafna NGOs imwaqqfa biex jgħinu ħalli jintlaħaq dan il-għan, imma għandhom ftit riżorsi finanzjarji għad-dipożizzjoni tagħhom. It-tieni jistgħu jaħdmu biss sa fejn jippermettulhom il-gvernijiet. Għaldaqstant, biex jitħarsu d-drittijiet b'mod ġust huwa essenzjali li l-gvernijiet nazzjonali, fil-verità, iwettqu l-obbligazzjonijiet tagħhom lejn iċ-ċittadini tagħhom l-aktar fejn tidħol il-ġustizzja. Barra minn hekk, il-pajjiżi għonja għandhom iħarsu d-drittijiet tan-nazzjonijiet foqra u jaġixxu b'integrità.

Fuq bażi individwali, kull persuna għandha tissagrifika l-ego tagħha u tħares id-drittijiet billi taġixxi b'mod ġust. F'dan ir-rigward, il-Koran Imqaddes ta ordni li għandha sservi bħala prinċipju li jgħin lil kull sezzjoni tas-soċjetà u lil kull gvern.

Alla jistqarr fil-Koran Imqaddes:

**Tassew, Alla jamar il-ġustizzja, u t-twettiq tal-ġid mal-oħrajn; li tagħti bħal oħrajn...**
(Kap. 16: Vers 91)

Dan hu l-aqwa prinċipju dwar kif inħarsu d-drittijiet ta' xulxin. Il-kelma Għarbija 'Adl tfisser 'ġustizzja sħiħa'.

Xi tfisser ġustizzja sħiħa? Bħala tweġiba għal din il-mistoqsija, il-Koran Imqaddes jgħid:

**Intom li temmnu, kunu sodi (fil-qadi ta' dmirijietkom) lejn Alla, u (kunu) xhieda bil-ħaqq. La tħallux li l-mibegħda tagħkom għal xi nies (għedewwa tagħkom) tinċitakom timxu b'mod ieħor u ma timxux bil-ħaqq. Kunu dejjem ġusti, (għaliex) dan huwa eqreb lejn it-tjubija. U ibżgħu minn Alla; Alla tabilħaqq jaf sew b'dak li tagħmlu.**
(Kap. 5: Vers 9)

Dan hu l-ogħla livell tal-ġustizzja: li la fuq bażi individwali u lanqas fuq bażi nazzjonali m'għandha l-mibegħda twaqqfek milli taġixxi ħlief b'ġustizzja mal-oħrajn.

Dan mhux prinċipju sabiħ li jista' jġarraf kull ħajt ta' mibegħda?

It-tieni ħaġa li ssemmiet hija, li apparti l-ġustizzja, jekk inti tixtieq tippromwovi l-imħabba u l-affezzjoni, u tixtieq telimina l-mibegħda mid-dinja, mela trid turi ħniena.

Xi jkun att ta' ħniena?

Huwa meta jkollok xi tgħid ma' xi ħadd u tirbaħ int, meta tara li dak li tilef qed jammetti l-iżball tiegħu u jfittex il-maħfra, inti għandek taħfirlu bil-ħniena u l-mogħdrija. L-għan aħħari huwa r-riformazzjoni. Jekk ir-riformazzjoni tista' sseħħ mingħajr kastigi, mela għandek dejjem taħfer. Dan hu li teħtieġ il-ġustizzja. Il-ġustizzja teħtieġ li l-kastig għandu jkun jaqbel mal-att ħażin li twettaq u għalhekk il-kastig m'għandux ikun eċċessiv. Madanakollu, il-ħniena titlob li inti jew tnaqqas il-kastig jew taħfer.

U tingħata aktar direzzjoni, ċjoè, li meta turi ħniena, toqgħodx tgħodd il-favuri li tkun għamilt mal-oħrajn – fil-fatt trid taħfer daqslikieku qed taħfer lill-egħżeż qraba tiegħek.

L-aqwa eżempju ta' dan huwa fil-mod ta' kif il-ġenituri jaħfru lil uliedhom, il-għaliex il-ġenituri ma joqogħdux ifakkru lil uliedhom fit-tajjeb li jkunu wettqu magħhom fil-passat. Lanqas ma jistennew xi ħaġa lura minn uliedhom.

Illum, jekk nanalizzaw ftit is-sitwazzjoni, huwa evidenti li, inwarrbu fil-ġenb l-obbligu li naġixxu bi ħniena, iżda anki l-obbligi tal-ġustizzja mhumiex qed jitwettqu. Għalhekk qed jiżdied l-inkwiet. U din hi r-raġuni għala d-dgħajjef qed jeħodha kontra l-qawwi. Huwa prinċipju bażiku li dawn ir-reazzjonijiet ma jsegwux il-loġika u l-ekwità.

Matul l-aħħar seklu kien hemm żewġ gwerer kbar. Wara l-Ewwel Gwerra Dinjija twaqqfet il-Lega tan-Nazzjonijiet, iżda l-obbligi

tal-ġustizzja ma tħarsux u, b'riżultat ta' dan, faqqgħet it-Tieni Gwerra Dinjija fejn intużaw ukoll il-bombi atomiċi. Imbagħad, għall-ħarsien tad-drittijiet umani, twaqqfet l-Organizzazzjoni tal-Ġnus Magħquda. Ġew ikkunsidrati diversi strateġiji biex jiġu evitati l-gwerer, iżda llum naraw li ħafna pajjiżi żgħar kif ukoll kbar jipposjedu l-bombi atomiċi. U hemm xi wħud minnhom li huma irresponsabbli u ma jagħrfux il-konsegwenzi devastanti ta' dawn l-armamenti.

Huwa inkonċepibbli li jekk dawn jintużaw, mal-ewwel, l-effett terribbli tagħhom se jkun evidenti, u dak il-jum ikun qisu l-aħħar tad-dinja.

**Għalhekk, biex nistabbilixxu l-paċi fid-dinja, huwa essenzjali li jitħarsu l-istandards tal-ekwità u l-ġustizzja. Fuq skala iżgħar, bħalissa hawn il-gwerer f'diversi pajjiżi. Is-superpotenzi huma involuti bl-iskuża li qed jgħinu biex iżommu l-paċi; u somom kbar ta' flus qed jintefqu għal dan il-għan. Jekk wieħed janalizza dan profondament wieħed jirrealizza li, barra li qed jinħolqu aktar animożitajiet, dawn l-attivitajiet militari huma wkoll kawża maġġuri tal-kriżi finanzjarja li għandna llum. Din il-kriżi ħonqot il-pajjiżi għonja tal-Punent sal-punt li issa qed jiddikjaraw li ninsabu fi stat ta' dipressjoni ekonomika.**

Għal din ir-raġuni, illum il-bniedem irid jaħseb serjament kif se jġib il-paċi vera, kif se jitħarsu d-drittijiet ta' kulħadd, u kif se jitwettqu l-obbligi tal-ġustizzja. Inkella, l-inkwiet li hawn f'ħafna pajjiżi, il-kriżi finanzjarja li qed theddidna, u ż-żieda fl-egoiżmu f'kull livell, se jwassluna għat-Tielet Gwerra Dinjija.

U m'iniex ngħid dan kollu biex inferrex il-biża', iżda billi bdejna seklu ġdid m'ilux, jekk neżaminaw l-aħħar tmien snin, tmienja jew daqstant snin, naraw li d-dinja kull ma jmur, qed titlef ħafna mis-serħan. It-tixrid tad-demm u l-kaos qed joktru l-ħin kollu. Attenzjoni insuffiċjenti qed tingħata għall-ħarsien tad-drittijiet tal-oħrajn.

Skont l-artikli fil-ġurnali, il-ħarsien u r-rispett lejn il-Liġi, li kienu jeżistu xi ftit ta' għexieren ta' snin ilu, qed dejjem jonqsu saħansitra fil-pajjiżi tal-Punent. Anki l-ġlied bis-skieken fit-toroq qed jiżdied ukoll.

Dawn il-problemi xi kultant jassoċjawhom mal-immigranti fid-dinja tal-Punent; imma ejja nagħmluha ċara li dan l-inkwiet jinħoloq għax inkunu tbegħedna sew minn Alla, u minħabba l-egoiżmu u n-nuqqas tat-twettiq tax-xewqat ta' dak li jkun. Jekk naħsbu ftit dwar dan nirrealizzaw li dawn huma l-kawżi veri ta' dan l-inkwiet kollu. Min-naħa l-oħra, fil-pajjiżi Asjatiċi u Afrikani, pajjiżi inqas żviluppati u li qed jiżviluppaw, nistgħu nosservaw reazzjoni kontra l-pajjiżi żviluppati. U dak kollu li qed iseħħ f'dawn il-pajjiżi qed jiġi attribwit għall-politika tas-superpotenzi. Għalkemm ma naqbilx ma' dan għaliex naħseb li dan kollu huwa dovut għall-bluhat tagħhom, fl-istess ħin ma nistgħux inwarrbu fil-ġenb il-problemi kbar tal-pajjiżi tat-Tielet Dinja.

Minkejja l-faċilitajiet li hawn illum fil-mezzi ta' komunikazzjoni li suppost ressqu l-popli aktar viċin xulxin, inbnew ħitan ta' mibegħda u l-qlub qed jitbiegħdu minn xulxin.

Fil-pajjiżi tal-Punent ukoll qed tiżdied l-apprensjoni fost in-nies minħabba li l-ammont ta' ħin li qiegħed jittieħed biex tiġi stabbilita l-paċi qed jeqred l-ekonomija tal-pajjiżi. L-effetti tad-dipressjoni qed jinħassu aktar ma jgħaddi ż-żmien u l-għoli tal-ħajja qed dejjem jiżdied.

L-animożità u sentimenti ta' mibegħda qed jikbru kontra pajjiżi oħra. Pereżempju, hawn fil-Punent, f'ċerti postijiet qed jidhru slowgans bil-kliem: Għalfejn l-Afrikani u l-Asjatiċi qed jingħataw ix-xogħol u għalfejn qed jingħataw il-benefiċċji soċjali? Għalfejn għandna ngħinuhom meta dawn ma jagħmlux xogħol produttiv?

## Fil-qosor, kulma nixtieq ngħid huwa li l-paċi tiddependi fuq il-ġustizzja, u l-progress ekonomiku jiddependi fuq il-paċi.

Dan jiġri biss meta l-bniedem jagħraf lill-Ħallieq Tiegħu u b'riżultat ta' dan id-drittijiet tal-ħolqien t'Alla jkunu mħarsa.

**Jekk is-sitwazzjoni preżenti ma tinbidilx, mela l-inkwiet se jiżdied qatigħ. L-egoiżmu jikber u minħabba f'hekk id-dinja kollha se tinħakem minn diżastru kbir, u l-ġenerazzjoni futura se tikkundannana għal din il-moħqrija. Għalhekk f'dan iż-żmien diffiċli għandna lkoll kemm aħna nżommu idejn xulxin ħalli nwasslu l-paċi vera fid-dinja.**

Nittama u nitlob li intom, in-nies ta' dawn in-naħat, li huma magħrufa għan-numru kbir ta' politikanti, u li wasslu wkoll biex inħatru għadd ta' mexxejja fuq livell nazzjonali, tieħdu l-inizjattiva f'din il-ħaġa.

Fl-aħħar nett nixtieq għal darba oħra ngħid kemm jien grat li intom kollha qgħadtu tisimgħuni. Il-preżenza tagħkom hija pass ġgantesk għall-promozzjoni tal-imħabba u l-affezzjoni.

**Jalla, tiġu ppremjati lkoll. Grazzi**

# Il-Komunità Aħmadija Musulmana

Il-Komunità Aħmadija fl-Iżlam hi organizzazzjoni reliġjuża, b'fergħat f'aktar minn 200 pajjiż. Hi l-aktar denominazzjoni dinamika fl-Iżlam fl-istorja moderna; is-sħubija hi stmata li tlaħħaq 170 miljun ruħ.

Ġiet imwaqqfa minn Ħażrat Mirża Gulam Aħmad (Hadhrat Mirza Ghulam Ahmad) (1835-1908) fl-1889 ġewwa raħal żgħir remot jismu Kadjan fil-Punġab, l-Indja. Hu afferma li hu r-riformatur mistenni tal-aħħar żminijiet u dak li hu mistenni li jiġi mill-komunità dinjija tar-reliġjonijiet (il-Maħdi u l-Messija tal-aħħar ġranet).

Hu ma ġabx leġislazzjoni ġdida, imma ppreżenta l-Iżlam skont il-Koran Imqaddes u kif il-Profeta Muħammad, il-Paċi u l-barka ta' Alla jkunu miegħu ipprattikah mingħajr ebda alterazzjonijiet li kienu saru matul iż-żminijiet. Spejga li l-Iżlam huwa r-reliġjon tal-paċi u l-imħabba.

Il-Messija Mwiegħed kiteb aktar minn 84 ktieb, li huma mimlija b'għerf divin, spiritwali u importanti, għandhom it-tagħlim morali wkoll. Hu wkoll għamel ħafna taħditiet fuq aspetti differenti. Il-Messija Mwiegħed, il-paċi ta' Alla tkun miegħu, miet fis-26 ta' Mejju tal-1908. Wara li ħalla din id-dinja fl-1908, l-istituzzjoni ta' Kalifat reġgħet ġiet stabbilita taħt gwida Divina.

Il-Kalifat hija sistema ta' tmexxija spiritwali fl-Iżlam hekk kif inhi mfissra fil-Koran Imqaddes. Hija mezz kif tgħaqqad lill-Musulmani fi grupp wieħed b'saħħtu taħt mexxej spiritwali wieħed.

Il-Kalif huwa maħtur għal għomru u llum il-Komunità Aħmadija Musulmana titmexxa mill-Qdusija Tiegħu, Ħażrat Mirża Masroor Aħmad, li ġie elett f'din il-kariga rispettabbli f'April tal-2003. It-titlu uffiċjali tiegħu huwa Khalifatul Masiħ V (Il-Ħames Kalif tal-Messija Mwiegħed).

Il-Komunità Aħmadija Musulmana Malta

This is a Maltese translation of two keynote addresses of Hadhrat Mirza Masroor Ahmad, Khalifatul Masih V aba, the Supreme Head of the Worldwide Ahmadiyya Muslim Jamaat; "A Message for Peaceful Atmosphere" address delivered on Saturday 11 October 2003 at the Reception held on the opening of the Baitul Futuh Mosque London, and "Peace Depends on Justice and Economic Progress Depends on Peace" address delivered to the City of Glasgow Reception on 7 March 2009.

Mob: (+356) 79320139
Tel: (+356) 21322105
Fax: (+356) 27322105
E: amjmalta@gmail.com
www.ahmadija.org.mt
www.ahmadiyyamalta.org

**Imħabba għal Kulħadd**
**Mibegħda għal Ħadd**